**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

ŻEJTUN
Citta` Beland
Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Laqgħa Nru. 03/20**

| | |
|---|---|
| **Data:** | It-Tlieta, 3 ta' Marzu 2020 |
| **Ħin:** | 5:50pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

**Preżenti**
Maria Dolores Abela - Sindku
Joan Agius - Viċi-Sindku (Mis-6:15pm)
Amanda Abela - Kunsilliera (Skużata)
Dorcas Camilleri - Kunsilliera (Sat-8:00pm)
Gesmond Baldacchino - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier
Roderick Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Stephanie Fenech - Kunsilliera
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

**03.01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**
**03.02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**
**03.03** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**
**03.04** **Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**
**03.05** ***Items* oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**
**03.06** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**
**03.07** **Ġieh iż-Żejtun;**
**03.08** **Kuntratti;**
**03.09** **Estimi Finanzjarji;**
**03.10** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;**
**03.11** **Mozzjonijiet; u**
**03.12** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**03. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill li Abela ma tistax tattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' saħħa. | Segretarju Eżekuttiv |

**03. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| | | Proponent: Caruana Ray<br>Sekondant: Baldacchino | Il-Minuti 02/20 inqraw u ġew approvati nem.con. B'dawn il- korrezzjonijiet. | |
| 03. 2. 1 | 02.06.05 / 02.06.06 | Chircop: Applikazzjonijiet | Chircop iċċara li għal saret applikazzjoni sabiex jinġiebu l-fondi. | Chircop |
| 03. 2. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

**03. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 2 11 | 02.02.02 | Sindku: M.U.Y.A | Is-Sindku qalet li wara laqgħa li kellha mal-M.U.Y.A dwar proġett f'Misraħ Karlu Diacono,saret talba minn naħa tal-M.U.Y.A sabiex ikunu jistgħu jużaw il-kamra fi Ġnien il-Kmandant għall-laqgħat tagħhom. Dawn qed jaqblu li jsir ir-restawr bi spejjes tagħhom. Dwar dan ser nerġgħu nitkellmu magħhom u jsir *Memorandum of Understanding*. Żiedet tgħid ukoll li r-restawr tal-ġibja sar u għandu jiġi ċertifikat mill-perit. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03. | 2 | 1 | 02.02.03 | Chircop: (E.D.E.N. Award) | Chircop qal li dan għandu jingħata lokali fit-18 ta' Marzu 2020 u ser jattendu s-Sindku, Chircop u Fenech għal din iċ-ċerimonja. Mill-Unjoni Ewropeja ser ikun qed jingħata fil-5 ta' Mejju 2020. | Chircop |
| 03. | 2 | 10 | 02.02.03 | Sindku: Plakkek lill-Għaqdiet | Is-Sindku issuġeriet li għandhom isiru plakkek tal-perspex sabiex jinagħtaw lil kull għaqda sabiex jitfakkar it-titlu E.D.E.N. Għal din is-sena. Kien hemm qbil nem.con dwar dan. | Sindku |
| 03. | 2 | 2 | 02.02.06 | Caruana Raymond: Vandaliżmu fi Ġnien iż-Żgħożija | Caruana qal li ġew installati rifletturi ġodda mal-funtana fir-*Rock Garde.* Ser isiru wkoll sett rifletturi għal fuq il-bandli. | Caruana Ray |
| 03. | 2 | 3 | 02.02.13 | Chircop: *Sub domain* ġdid | Chircop qal li dan inxtara u ser ikun qed jittellgħu l-attivitajiet kollha li ser jiġu organizzati millKunsill u l-Għaqdiet Żwieten. | Chircop |
| 03. | 2 | 4 | 02.02.16 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop qal li dawn għalqu u kien hemm 10 nominazzjonijiet. Dawn ser jinfetħu, jiġu diskussi u t/jintgħażel il-persuna. | Chircop |
| 03. | 2 | 5 | 02.05.02 | Caruana Raymond: *Telephone Box* | Caruana staqsa dwar din. Ser tintbgħat imejl lil GO Plc sabiex titneħħa. | Caruana Ray |
| 03. | 2 | 6 | 02.06.01 | Viċi-Sindku: Attivita' tal-Karnival | Il-Viċi-Sindku qalet li din saret u kienet suċċess u t-tfal ħadu ħafna gost. | Viċi-Sindku |
| 03. | 2 | 7 | 02.06.02 | Fenech: Attivita' - għoti tal-organi. | Fenech qalet li l-attivita' saret u kienu 53 persuna li irreġistraw ix-xewqa li meta jiġu nieqsa jagħtu l-organi tagħhom. Għad baqa' jinġabru applikazzjonijiet oħra mill-Għaqdiet. | Fenech |
| 03. | 2 | 8 | 02.06.03 | Chircop: Seminar dwar San Ġużepp | Chircop qal li dan sar u kien hemm attendenza tajba ħafna. | Chircop |
| 03. | 2 | 9 | 02.06.05 | Chircop: Applikazzjoni tal-Kunsill u printing tal-ktieb | Chircop qal li saret l-applikazzjoni għall-fondi. | Chircop |

**03 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML03/20. B'riferenza għal:

| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03 | 3 | 1 | | Sindku: Laqgħa tas-Sindki | Is-Sindku qalet li saret il-laqgħa tas-sindki fejn ġew diskussi l-viżjoni 2020 - 2024 bit-titlu *Residents First*. Tkellmu dwar *Walkability, alternative use of trasport, urban greening u open spaces* fost oħrajn. Qalet li daqt jibdew il-laqgħat mal-kunsilliera individwali skond id-dekasteru tagħhom. Fl-intervent tagħha s-Sindku qalet li bħala Kunsill aħna diġa qegħdin naħdmu fuq dawk il-binarji u talbet l-għajnuna tal-Gvern Ċentrali sabiex jiġu allokati fondi għall-parkeġġi taħt l-art filwaqt li l-art tiġi żviluppata għall-spazji miftuħa biex jitgawdew mir-residenti. | Sindku |
| 03 | 3 | 2 | | Sindku: Permess għal tiġrijiet taż-żwiemel | Is-Sindku qalet li ġiet avviċinata sabiex jerġa jibdew isiru t-tiġrijiet taż-żwiemel fi Triq Ħaż Żabbar. Kien hemm diskussjoni dwar u jekk il-Kunsill għandux jagħmel sett ta' regolamenti jew inkella jagħtix permess biss sabiex tingħalaq it-triq. | Sindku |

**03. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 03. 4 1 | | Chircop: Xogħol fi Triq Xrobb l-Għaġin | Chircop staqsa fiex wasal ix-xogħol fi Triq Xrobb l-Għaġin. Is-Sindku qalet li l-W.S.C. għandu l-problemi mal-kuntrattur u l-perita infurmata li lill-kuntrattur tawh *administrative order* u qed jeħel multa kuljum minħabba d-dewmien. | Sindku |
| 03. 4 2 | | Camilleri: Impjieg ta' persuni b'diżabilita' | Camilleri qalet li kellmuha mill-Aġenzija Sapport dwar nistawx nimpjegaw persuni b'diżabilita'. Is-Sindku qalet li konna diġa urejna l-interess dwar dan. | Camilleri |
| 03. 4 3 | | Chircop: Xelter fejn il-Kappella ta' San Niklaw. | Chircop qal li hemm bżonn inkellmu lil-*Infrastructure Malta* sabiex isiru l-kaptelli ta' dan ix-xelter. | Chircop |
| 03. 4 4 | | Caruana Ray: pelican Lights fi Triq A. Cachia Zammit | Caruana reġa staqsa jekk kinx hemm xi żviluppi fuq il-*pelican lights* li għamilna t-talba għalihom. Ser niċċekjaw dwar dan. | Sindku |
| 03. 4 5 | | Caruana Ray: Speed Camera fi Triq il-Pres. Anton Buttigieg | Caruana qal li għandna nerġgħu nqajjmu l-punt sabiex issir pressjoni li ssir il-kamera. | Sindku |

**03. 5.** **Items oħra ta' xogħol tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 5 1 | | Chircop: Restawr tal-Kappella tas-Salvatur | Chircop qal li ser jiltaqa' mal-perita sabiex jaraw x'hemm bżonn isir biex jibda r-restawr.Il-Perit qalet li ser isir kollox minn naħa tagħhom bħala applikazzjoni mal-P.A. U l-ħlas tal-permess isir minn naħa tal-Kunsill. | Chircop |

**03. 6.** **Attivitajiet organizzati mill-Kunsill;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 03. 6. 1 | | Chircop: Inawgurazzjoni tan-niċċa ta' San Ġużepp | Chircop informa l-Kunsill li l-inawgurazzjoni ser issir fid-19 ta' Marzu fit-8:45am. Ser jiġi mistieden l-Onorevoli Ministru Hose' Herrera fejn ser issir quddiesa bis-sehem tas- sodalita' ta' San Ġużepp. | Chircop |
| 03. 6. 2 | | Chircop: Mixja minn Xir Cammini | Chircop qal li ser tiġi organizzata mixja mir-Rabat sas Żejtun fil-15 ta' Marzu. Ser isir trasport minn San Girgor għal Mdina. | Chircop |
| 03. 6. 4 | | Chircop: Konkors Letterarju | Chircop qal li kien hemm 46 sottomissjoni u dawn il-kitbiet għaddew għand il-ġurija sabiex jiġu evalwati u jinħarġu r-riżultati. | Chircop |
| 03. 6. 5 | | Fenech: *Work Place Healthy Initiative* | Fenech qalet li saret inizjattiva fejn l-istaff tal-Kunsill ingħata *Healthy Lunch* kif ukoll il-Kunsilliera ġew għal laqgħa bil-mixi u r-rota. | Fenech |
| 03. 6. 6 | | Fenech: Laqgħat ta' informazzjoni dwar saħħa | Fenech qalet li l-laqgħat ser ikomplu fil-11 ta' Marzu dwar saħħa mentali u fil-25 ta' Marzu dwar l-għajnejn. | Fenech |
| 03. 6. 7 | | Fenech: Konsultazzjoni dwar l-ambjent | Fenech qalet li ġejna mistiedna għall-konsultazzjoni li ser issir mill-Ministeru tal-Onorevoli Carmelo Abela u s-Segretarju Parlamentari Clifton Grima. | Fenech |

**03. 7.** ***Ġieh iż-Żejtun;***

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 03 | 7 | 1 | | Sindku: Ġieh iż-Żejtun | Is-Sindku fetħet l-10 applikazzjonijiet mitfuha u għaddithom għad-diskussjoni. Wara li ttieħed vot sigriet il-voti kienu, 4 voti għal Dun Gino Gauci, 2 voti għal Jessie Attard u 1 għal Lorenza Bonavia. Għalhekk Ġieh iż-Żejtun ser jingħata lil Dun Gino Gauci. Sar qbil ukoll li r-rikonoxximenti jingħataw kif ġej:<br><br>1) Anzjanita Attiva: Rita Saliba, Lorenza Bonavia<br>2) Sport: Jonathan Mallia, Dylan Callus<br>3) Kultura: Charles Debono, Manuel Zammit<br>4) Żgħażugħ attiv: Bernice Abela, Madelene Micallef<br><br>Intqal ukoll li ser jingħata rikonoxximent għal ħidma tagħhom lis-Sur Joe Attard, Claude Camilleri u Joe Hales. | |
| **03.** | **8.** | | | **Kuntratti;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 03. | 8. | 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kellna 4 tenders mitfuha għal post ta' Contract Manager. Dawn se jagħddu sabiex jiġu evalwati.<br>Ġie ppublikat ukoll tender għall-ħitan tas-sejjiegħ li ser idum erbgħa ġimgħat.<br>Fl-14 ta' Frar ġie itterminat ħesrem il-kuntratt tat-tindif tal-latrini pubbliċi minħabba li dawn ma kinux qed jiġu mnaddfa. Sar qbil nem.com li dan m'għandux jerġa joħroġ u t-tindif isir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| **03.** | **9.** | | | **Estimi Finanzjarji;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 03. | 9. | 1 | | | | |
| **03.** | **11.** | | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti;** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 03. | 11. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 03/20 | Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 03. | 11. | 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 03/20 | Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi. | Segretarju Eżekuttiv |
| 03. | 11. | 3 | | *Petty Cash* - Frar 2020 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefaq fix-xahar ta' Frar hekk kif preżentat. Dan kien jammonta għal €195.44 | Segretarju Eżekuttiv |
| **03** | **12** | | | **Mozzjonijiet; u** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 03. | 12 | 1 | | | Ma kinx hemm mozzjonijiet x'jitressqu. | |
| **03** | **13** | | | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |

Is-Sindku għalqet il-laqgħa fit-8:30pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 6 ta' April 2020 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fil-5:30pm.

IFFIRMATA

Maria Dolores Abela

Sindku

IFFIRMATA

Anton Falzon

Segretarju Eżekuttiv